MALTA

# QORTI CIVILI
# PRIM' AWLA

**ONOR. IMHALLEF**
**MARK CHETCUTI**

Seduta tat-18 ta' Lulju, 2012

Rikors Numru. 273/2012

**HSBC Bank Malta p.l.c.**

**vs**

**Joseph Muscat kif rapprezentat stante li assenti mill-Avukat Mark Mifsud Cutajar u l-PL Jean Pierre Busuttil bhala kuraturi deputati appuntati b'digriet tat-23 ta' Novembru 2011**

**Il-Qorti,**

Rat ir-rikors tal-bank attur tat-13 ta' Marzu 2012 li jghid hekk:
IllI permezz ta' kuntratt ta' self u kompro-vendita fl-atti tan-Nutar Timothy Ellis datat 3 ta' Dicembru 2007 (Dok. HSBC1 hawn anness) l-intimat Joseph Muscat gie konfermat debitur tal-Bank rikorrent;

Illi ghalkemm saru diversi pagamenti l-intimat baqa' debitur tas-socjeta' rikorrenti;

Illi ghaddew izjed minn tlett snin mid-data tal-istess kuntratt u s-socjeta rikorrenti qeghda permezz tal-prezenti titlob l-awtorizzazzjoni ta' dina l-Onorabbli Qorti ai termini tal-artikolu 258(c) tal-Kap. 12 tal-Ligijiet ta' Malta sabiex tesegwixxi dan l-istess titolu fil-konfront tal-intimat ghall-bilanc li ghadu dovut;

Ghaldastant is-socjeta rikorrenti titlob bir-rispett lil dina l-Onorabbli Qorti tawtorizza lis-socjeta rikorrenti tghaddi ghall-esekuzzjoni tal-istess titolu esekuttiv fuq imsemmi stante li ghaddew izjed minn tlett snin mid-data tal-istess kuntratt u li d-dejn ghadu mhuwiex saldat kollu u dan ai termini tal-artikolu 258(c) tal-Kap. 12 tal-Ligijiet ta' Malta li jipprovdi li r-rikorrent ghandu: "jikkonferma bil-gurament ix-xorta tad-dejn ... li jkun qieghed ifittex l-esekuzzjoni taghha u li d-dejn jew parti minnu jkun ghadu dovut".

Rat ir-risposta tal-kuraturi deputati nominati biex jirraprezentaw lil Joseph Muscat li tghid hekk:

Illl-esponenti m'humiex edotti mill-fatti u ghalhekk qed jirriservaw id-dritt li jipprezentaw risposta motivata f'kaz u jekk jigu edotti mill-fatti;

Salv risposta ulterjuri;

Rat l-atti u dokumenti esebiti;

Semghet lil-avukat tal-bank rikorrenti li ddikjarat li l-fatti ma nbiddlux mindu gie prezentat ir-rikors;

Billi mil-provi mhux kontradetti t-talba dedotta fir-rikors hi skond il-ligi;

Tilqa' t-talba attrici kif dedotta, bl-ispejjez kontra l-intimat Joseph Muscat.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------